**STATUT TAL-KOPERATTIVA VITIMALTA CO-OP Ltd.**

1. **Skop tal-Koperattiva**

L-iskop tal-Koperattiva għandu jkun:

1.1 Sabiex tippromovi d-disseminazzjoni ta' informazzjoni xjentifika, teknika u prattika fil-qasam tal-vitikultura u oqsma oħra relatati.

1.2 Sabiex tipprovdi forum għall-preżentazzjoni, diskussjoni u pubblikazzjoni ta' skoperti ġodda, żviluppi tekniċi u prattiċi fil-qasam tal-vitikultura, tavvanza l-kwalità fil-prattika vitikulturista mill-membri u tinkoraġġixxi prattika ta' biedja bil-għaqal.

1.3 Sabiex tippromovi l-edukazzjoni fil-vitikultura u tgħin fl-iżvilupp ta' livelli għola ta' tagħlim hekk kif rikjest mis-suq.

1.4 Sabiex tippromovi l-iżvilupp ta' kapaċitajiet u attitudnijiet professjonali fil-membri, fir-rigward tal-qasam vitikulturist u tippromovi wkoll il-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid fis-suq tal-produzzjoni tal-membri.

2. **Indirizz tal-Koperattiva**

L-indirizz ufficjali tal-Koperattiva huwa Buskett Winery, Triq il-Vitikulturisti, Buskett, Dingli, jew kwalunkwe post iehor li l-Kumitat tat-Tmexxija jista' jaghzel minn zmien ghall-zmien.

3. **Funzjonijiet tal-Koperattiva**

Sabiex tilħaq l-iskopijiet tagħha, l-Koperattiva tista:-

3.1 tippreżenta informazzjoni xjentifika, teknika u prattika għall-benefiċċju tal-membri u, bl-approvazzjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija, għall-benefiċċju tas-settur vitikulturist u dak tal-inbid jew tal-pubbliku ġenerali.

3.2 tipprepara, tippublika u tqassam informazzjoni stampata jew elettronika, jew b'xi mezz ieħor li jkun ikkunsidrat appropju mill-Kumitat tat-Tmexxija.

3.3 tippromovi u tinkoraġġixxi diskussjonijiet soċjali u professjonali bejn il-membri tagħha u soċjetajiet u organizzazzjonijiet oħra simili.

3.4 tipprovdi finanzi jew assistenza jew riżorsi oħra għal laqgħat ma' soċjetajiet jew organizzazzjonijiet simili sabiex tippromovi l-vitikultura, kemm fuq livell nazzjonali u dak internazzjonali.

3.5 tippromovi jew toħloq attivitajiet, jew tikkopera ma’ persuni jew għaqdiet li jippromovu jew joħolqu attivitajiet li jgħinu fl-iskopijiet tal-Koperattiva.

3.6 tipprovdi premijiet u unuri jew benefiċċji oħra li jgħinu fl-iskopijiet tal-Koperattiva.

3.7 tinvolvi organizzazzjonijiet ta’ riċerka kummerċjali jew edukattiva fl-attivitajiet tal-Koperattiva, fejn dawn l-organizzazzjonijiet jipprovdu informazzjoni speċjalizzata jew riżorzi oħra li jippromovu l-iskopijiet tal-Koperattiva.

3.8 tmexxi ċentri u postijiet oħra konnessi mal-vitikultura u taċċetta kontribuzzjonijiet fil-fondi tal-Koperattiva f’forma ta’ donazzjonijiet, tesseri u azzjonijiet oħra.

3.9 tiproċessa kull informazzjoni tal-membri rikjesta jew pprovduta mill-Awtoritajiet u tfittex azzjonijiet oħra, fil-parametri permessi bil-liġi u b’dan l-istess Statut, li jżidu s-saħħa u l-prestiġju tal-Koperattiva.

3.10 li tirrapprezenta l-interessi u taghmel negozju ma’ persuni u ghaqdiet, Dipartimenti Governattivi, kumpaniji u ghaqdiet kummercjali ohra, f’isem il-membri taghha u jekk jidrilha, tidhol fi `*partnership agreements*’ ma’ ghaqdiet ohra min-setturi diversi ta’ l-ekonomija;

3.11 li taghmel, fejn hu possibbli, negozju ma’ kooperattivi ohra biex tghin fl-ispirtu tal-kooperattivi u tghin fit-tixrid tal-principji Koperattivi;

3.12 li tibni, tikri, tikseb, tixtri tbiegh mezzi ta’ trasport, imhazen, ufficcji, fabbriki u postijiet ohra ta’ negozju u tarmhom skond il-htigijiet tal-Koperattiva sabiex il-membri taghha jkunu jistghu jizviluppaw u jaggornaw il-kapacitajiet teknici taghhom;

3.13 li timpjega dawk in-nies li jkun hemm bzonn ghall-hidma taghha stess;

3.14 li tohloq servizzi li jkunu ta’ vantagg ekonomiku u finanzjarju ghall-membri ta’ l-istess Koperattiva;

3.15 li tiehu hsieb il-”marketing” tal-Koperattiva fejn jinhass il-bzonn sabiex bl-ghan li jinstabu swieq ghan-negozju ggenerat mill-Koperattiva u mill-hidma tal-membri;

3.16 li tinvesti f’kumpaniji li jistghu b’xi mod jmexxu x-xoghol tal-Koperattiva ‘l quddiem;

3.17 li taghmel dawk l-affarijiet kollha li jinhassu necessarji ghat-twettiq ta’ l-ghanijiet hawn fuq imsemmija jew li huma komplimentari ghall-istess ghanijiet.

## 4. <u>Applikazzjoni tas-Sħubija u Membri Godda</u>

4.1 Permezz ta’ Applikazzjoni tas-Sħubija, l-applikant jissieħeb fl-Organizzazzjoni għal perjodu ta’ sentejn. Il-Koperattiva ma taċċettax applikant bħala kumpanija jew entità iżda bħala persuna individwali.

4.2 Kull applikant għandu jipprovdi:

a) formola tal-applikazzjoni kompleta, approvata mill-Koperattiva u mogħtija lis-Segretarju;

b) kull informazzjoni jew dokumentazzjoni hekk kif diskretta fuq il-formola tal-applikazzjoni, inkluż kull informazzjoni dwar l-applikant li tiġi mitluba mill-Koperattiva; u

c) kull informazzjoni u dokumentazzjoni tal-kuntratti kollha illi l-applikant ghandu fis-seħħ fuq l-gheneb għall-għasir li jipproduci.

4.3 F'kull laqgħa, is-Segretarju għandu jippreżenta lill-Kumitat tat-Tmexxija kull applikazzjoni tas-sħubija, u kull applikazzjoni għandha tiġi aċċettata jew irrifjutata b'vot ta' maġġoranza mill-membri tal-Kumitat tat-Tmexxija.

4.4 Applikant li jipprovdi l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni neċessarja, iżda l-applikazzjoni tiegħu ma tistax tiġi ppreżentata lill-Kumitat tat-Tmexxija fi żmien xahrejn mid-data tal-applikazzjoni għandu jiġi nfurmat mis-Segretarju.

4.5 Il-Kumitat tat-Tmexxija jista jiddeferixxi vot fuq kull applikazzjoni ta' sħubija sa żmien 4 xhur mid-data ta' meta ġiet ikkunsidrata għall-eliġibita.

4.6 Il-Kumitat tat-Tmexxija għandu d-dritt li jiddetermina applikazzjoni hix eliġibbli jew le skond il-kriterji speċifikati f'dan l-istatut. F'dawn id-deċiżjonijiet, il-Kumitat tat-Tmexxija għandu:

a) jaġixxi b'mod ġust u responsabbli fl-aħjar interess tal-Koperattiva; u

b) jimxi mal-istess deċiżjonijiet meħuda fuq applikazzjonijiet ta' membri oħra.

Il-Kumitat tat-Tmexxija jista jitlob parir minn membri li m'humiex fil-Kumitat tat-Tmexxija u persuni oħra li m'humiex membri fil-Koperattiva fir-rigward ta' applikazzjonijiet ġodda. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn applikant u d-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat tat-Tmexxija, id-deċiżjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tkun waħda finali b'dan pero` illi l-applikant ikollu d-dritt illi jappella lill-laqgha generali tal-membri u f'dan il-kaz l-applikant jista' jidhol membru b'rizoluzzjoni mghoddija minn mhux inqas minn zewg terzi tal-membri prezenti u li jivvutaw f'dik il-laqgha

4.7 L-applikant isir membru fil-Koperattiva mid-data ta' meta tkun aċċettata l-applikazzjoni u titħallas it-tessera.

4.8 Is-Segretarju għandu jinnotifika bil-miktub kull applikant aċċettat jew mhux aċċettat u, jekk aċċettat, jikteb id-data ta' meta ġie aċċettat bħala membru. Għandu jara li l-applikazzjoni kollha tiġi miżmuma fir-reġistru tal-membri tal-Koperattiva.

4.9 Ebda membru ma jista' jkollu iktar minn erbghin fil-mija (40%) tal-kapital azzjonarju tal-koperattiva.

4.10 Biex persuna tkun membru tal-Koperattiva trid li, apparti li tkun lahqet l-eta' ta' tmintax-il sena u tkun mentalment f'sahhitha u ma tkunx falluta jew rijabilitata, trid ikollha minn tal-inqas tomna dwieli rreġistrata.

4.11 Persuna ma tistax, minghajr il-kunsens bil-miktub tal-Bord tal-Koperattivi tkun membru ta' din il-Koperattiva u ta' Koperattiva jew ghaqda li l-ghanijiet taghha huma prattikament identici jew jixxiehbu ghall-ghanijiet ta' din il-Koperattiva jew li ghandu attivita' kummercjali li tista' b'xi mod, anke indirett, jkun f'konflitt ma' l-attivita kummercjali tal-Koperattiva;

4.12 Mad-dħul bħala membru l-applikant ikun marbut b'dan l-Istatut. L-applikant jidħol membru bl-għelieqi kollha li għandu u li jista jkollu mħawlin bid-dwieli tal-għeneb għall-għasir.

4.13 F'każ li waqt il-proċess ta' sħubija il-membru kellu xi kuntratt fis-seħħ, il-Koperattivatimpenja ruħha sabiex tonora f'ismu dan il-kuntratt ma' l-istess kumpanija jew entità, iġġorr l-obbligi kollha tiegħu li jinkludi dan il-kuntratt u titħallas għan-nom tiegħu skond il-prezz miftiehem fil-kuntratt. Il-ħlas lill-membru jsir mill-Koperattiva wara li jitħallsu l-ammonti dovuti lill-istess Koperattiva. Il-Koperattiva jkollha l-jedd ukoll li f'isem il-membru jekk hemm bżonn tinnegozja l-obbligi li hemm imniżżlin fil-kuntratt wara qbil bejn iż-żewġ partijiet.

4.14 Il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jiddetermina minn żmien għal żmien liema minn dawn il-mezzi għandhom jintużaw biex jipprovdu aċċess lill-membri ta' dan l-Istatut. Is-Segretarju għandu jew:

a) jibgħat kopja ta' l-Istatut lill-membri bil-posta, b'mezzi elettroniċi jew b'xi mezz ieħor; jew

b) jipprovdi aċċess elettroniku tal-istatut.

4.15 Meta jinforma applikant li ġie aċċettat bħala membru, is-Segretarju għandu jinforma bil-miktub ukoll lill-membru tal:

a) obbligi finanzjarji marbutin mas-sħubija; u

b) il-proċess u l-metodu ta' kif membru jista jirreżenja mill-Koperattiva.

4.16 Is-Segretarju għandu jżomm reġistru tal-membri tal-Koperattiva. Għall kull membru ir-reġistru għandu jinkludi:

a) l-isem sħiħ;

b) l-indirizz sħiħ;

c) in-numru tal-Karta tal-Identita;

d) in-numru/i tal-telefon;

e) l-indirizz elettroniku;

f) id-data tad-dħul;

g) fejn applikabbli, id-data tat-terminazzjoni tas-sħubija u r-raġuni;

h) ir-rappurtar tal-produzzjoni tal-membru, il-kejl u l-użu tal-art għat-tkabbir, il-livelli ta' produzzjoni, il-bejgħ dirett u kull informazzjoni oħra li tista tkun bżonnjuża mill-Koperattiva sabiex tikkomunika u twettaq ix-xogħol tagħha.

4.17 L-informazzjoni fir-reġistru tal-membri għandha tkun ta' aċċess għal:

a) kull uffiċjal jew ħaddiem tal-Koperattiva li jkun qiegħed jagħmel xi xogħol tal-Koperattiva; u

b) xi membru, sa estent iddeterminat mill-Kumitat tat-Tmexxija, skond kif permess mil-liġi tal-privatezza.

4.18 L-informazzjoni tar-reġistru tal-membri m'għandiex tkun ta' aċċess għal xi persuna jew organizzazzjoni barra mill-Koperattiva sakemm din il-persuna jew organizzazzjoni tkun:

a) awtorizzata bil-liġi li jkollha aċċess; jew

b) tkun imqabbda mill-Koperattiva biex toffri xi servizzi lilha u jkollha bżonn dik l-informazzjoni biex twettaq dan is-servizz.

4.19 Il-Kumitat tat-Tmexxija jista jitlob lill-membri sabiex jipprovdu xi informazzjoni ulterjuri minn dik imniżżla fir-reġistru tal-membri meta l-Kumitat tat-Tmexxija huwa tal-fehma li din l-informazzjoni hija bżonnjuża sabiex tidentifika l-livell ta' profil tal-membri.

4.20 Meta informazzjoni personali tiġi miġbura mill-Koperattiva, il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jiżgura illi:

a) informazzjoni neċessarja biss tinġabar; u

b) r-raġuni tal-ġbir ta' din l-informazzjoni tkun indikata lill-membru; u

c) l-informazzjoni tkun użata biss għar-raġuni miġbura; u

d) l-informazzjoni tkun miżmuma taħt sigurta; u

e) jittieħdu passi raġjonevoli sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni hija korretta; u

f) kull membru ikollu d-dritt għall-aċċess tal-informazzjoni personali miġbura fuqu.

4.21 Kull membru għandu jinnotifika lis-Segretarju ta' xi bdil fl-indirizz personali jew elettroniku tiegħu u s-Segretarju għandu jemenda l-informazzjoni fir-reġistru tal-membri. Kull avviż mibgħut lil xi membru fl-aħħar indirizz mogħti lilu mill-membru ikun meqjus mibgħut lil dan il-membru.

## 5. Irtirar u Tkeccijiet ta' Membri

5.1 Matul l-ewwel erba' snin mit-twaqqif u r-registrazzjoni tal-Koperattiva jew matul l-ewwel erba' snin minn meta persuna jsir membru tal-Koperattiva membru li jixtieq jirtira mill-Koperattiva, irid l-ewwel jinforma lill-istess koperattiva bl-intenzjoni tieghu sitt xhur qabel ma jirtira, jitlef kull beneficcju iehor derivanti mill-Koperattiva fis-sena kurrenti li fiha jkun sejjer jirtira, jehel multa ta' €250 izda jinghata lura sehmu nominali u cioe' il-valur tas-sehem imhallas mill-membru meta dan kien issieheb mal-Koperattiva. Dan is-sehem ghandu jinghata lura fi zmien sena permezz ta' hlas b'cekk jew fi flus kontanti.

Dan nonostante fejn l-irtirar ta' membru tkun gustifikata kif ikun jirrizulta minn certifikati medici opportuni jew minn sitwazzjonijiet ohra li, f'ghajnejn il-Kumitat tat-Tmexxija jigu kkunsidrati bhala ta' natura straordinarja, dak il-membru li jkun indika l-intenzjoni tieghu illi jirtira matul l-ewwel erba' snin kif indikat iktar 'l fuq, ma jehilx il-multa hemm kontemplata u ma jitlifx il-beneficcji derivanti lilu mill-Koperattiva mis-sena li fiha jkun sejjer jirtira.

5.2 Il-Kumitat tat-Tmexxija jirrizerva id-dritt li jittermina lil dak il-membru li jkun sejjer jirtira mill-mument li huwa jigi nfurmat bil-miktub mill-membru kkoncernat u jekk dak il-membru jkun lura bix-xoghol jew b'xi mod ikun ghad ghandu jaghti lill-Koperattiva, dak l-ammont li jigi hekk ikkalkulat skond il-kaz, jinqata' awtomatikament mill-pagament altrimenti dovut lil dak il-membru;

Permezz tar-reżenja tagħha, persuna li kienet membru ma' tkunx eżentata milli tħallas xi abbonamenti, miżati jew flus oħra pendenti lill-Koperattiva, u li ma tħallsux sad-data ta meta ġiet affetwata r-reżenja. Kull membru li joħroġ mill-Koperattiva għandu jiġbor kull oġġett jew interessi oħra personali fil-propjeta tal-Koperattiva, u jirritorna immedjatament lis-Segretarju kull propjeta tal-Koperattiva li qiegħda fil-pussess tiegħu.

5.3 Membru jista' jitkecca mill-Koperattiva:

(a) jekk wara twissija wahda verbali u wahda bil-miktub, dak il-membru jibqa' responsabbli ta' mgieba li tmur kontra r-regola ta' dixxiplina stabbilita mill-Kumitat tat-Tmexxija jew jibqa' jaghti xoghol li jkun taht in-normi minimi li jigu stabbiliti mill-Kumitat tat-Tmexxija bhala normi mistennija mill-membri tal-Koperattiva jew jekk jagixxi kontra l-interessi tal-Koperattiva;

(b) minnufih minghajr ebda twissija, jekk jinqabad jisraq, jaghti informazzjoni konfidenzjali lill-terza persuna jew jikkommetti xi forma ta' reat iehor kontra l-Koperattiva jew jikser xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att mhux imsemmija fi klawsola 5.3 (a);

5.4 Il-Kumitat tat-Tmexxija jista' jkecci membru kif imfisser fil-klawsola precedenti biss wara li l-istess Kumitat tat-Tmexxija jkun informa lill-membru bl-intenzjoni tieghu u bl-akkuzi kontrih bil-miktub u jkun ta' cans lill-membru koncernat li jiddefendi ruhu u jgib provi kontra l-akkuzi billi jidher quddiem l-istess Kumitat tat-Tmexxija u jipprova ghaliex huwa ma jaqbilx mad-decizjoni tat-tkeccija tieghu.

5.5 Wara li l-Kumitat tat-Tmexxija jkun informa lill-membru bl-intenzjoni tieghu, il-membru jkollu hmistax-il (15) gurnata cans min-notifika (b'posta registrata) ta' l-istess ittra sabiex jappella mid-decizjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija quddiem il-Bord ta' Sorveljanza fejn dan ikun kompost

u fin-nuqqas direttament quddiem il-laqgha generali tal-membri. Jekk id-dritt ta' dan l-appell ma jigix ezercitat, il-persuna koncernata tigi awtomatikament eskluza minn membru tal-Koperattiva.

5.6 F'kaz fejn il-Koperattiva ghandha Bord ta' Sorveljanza komposta ai termini ta' l-Att u membru xorta jhossu aggravat mid-decizjoni ta' dan il-Bord tas-Sorveljanza fi stadju ta' appell, xorta jkollu d-dritt li jsejjah laqgha generali straordinarja fiz-zmien erbat (4) ijiem mid-decizjoni tal-Bord tas-Sorveljanza, biex jispjega l-fatti tal-kaz lill-membri l-ohra kollha tal-Koperattiva. F'dan il-kaz il-vot ta' zewg terzi tal-membri prezenti ghal din il-laqgha jkun finali.

5.7 Jekk membru jinstab hati mill-Kumitat tat-Tmexxija jigi sospiz u jitlef awtomatikament id-dritt li jinghata x-xoghol mill-Koperattiva anke jekk il-membru jappella kif spejgat fil-klawsoli precedenti.

5.8 Kwalunkwe korrispondenza relatata ma' tkeccija ta' membru ghandha tinbghat permezz ta' ittra registrata fl-ahhar indirizz moghti mill-istess membru lill-Koperattiva jew fuq l-indirizz li jidher fuq il-karta ta' identita ta' dak il-membru partikolari;

5.9 Mid-data ta' l-avviz ta' tkeccija, il-membru koncernat ma jkunx jista' izomm l-ebda kariga fil-Koperattiva, jitlef kull dritt ghall-profitti fl-istess Koperattiva, ma jkunx jista' jattendi laqghat tal-Koperattiva u lanqas ma jkun jista' juza l-facilitajiet tal-Koperattiva u dan minghajr pregudizzju ghal-kwalunkwe dritt li jista' jkollha l-Koperattiva fil-konfront tieghu inkluza dik li timponi penali ragonevoli u proporzjonata skond ic-cirkostanza.

## 6. Trasferiment Ta' Ishma "Inter Vivos" u "Causa Mortis"

6.1 Ebda membru tal-Koperattiva m'ghandu jittrasferixxi xi sehem jew interess li jkollu fil-kapital tal-Koperattiva jew xi parti minnu kemm-il darba:-

(a) is-sehem jew interess ma jkunx ilu ghandu ghal mhux inqas minn sena; u

(b) it-trasferiment ma jkunx favur il-Koperattiva, membru tal-Koperattiva jew persuna ohra li l-applikazzjoni taghha biex tidhol membru tkun giet accettata mill-Kumitat tat-Tmexxija tal-Koperattiva;

6.2 Ebda trasferiment ta' sehem jew interess iehor ma jkun validu u effettiv kemm-il darba u sakemm dak it-trasferiment u l-isem tac-cessjonarju ma jkunux gew approvati u registrati mill-Kumitat tat-Tmexxija;

6.3 F'kaz ta' mewt ta' xi membru, il-Koperattiva tista', wara d-dekors ta' erba' xhur mill-mewt tal-membru kkoncernat, tittrasferixxi s-sehem jew l-interess l-iehor tal-membru mejjet lill-persuna li jkollha dritt ghal dak is-sehem jew interess skond il-ligi jew li thallas lil dik il-persuna somma li tirrapprezenta l-valur nominali tas-sehem jew l-interess ta' dak il-membru mejjet;

Izda nonostante s-suespost, jekk l-eredi tal-membru li jkun miet, jew f'kaz illi hemm aktar minn eredi wiehed, dak l-eredi li jigi appuntat minnhom, ikun eligibbli ghal shubija fil-Koperattiva ai termini tal-klawsola 4.10 ta' dan l-istatut, tali eredi jkollu d-dritt li jitlob u li jikseb shubija fis-socjeta' u li jkun registrat bhala membru f'ismu stess.

6.4 Sa dak iz-zmien illi s-sehem tal-membru li jkun miet ma jkunx gie mehud mill-eredi tieghu jew minn persuna ohra, is-sehem jew interess in kwistjoni m'ghandux jinghad ghall-finijiet ta' votazzjoni f'kwalunkwe laqgha generali tal-membri.

## 7. Drittijiet u Obbligi tal-Membri

7.1 Kull membru tal-Koperattiva ghandu d-dritt, fost affarijiet ohra:

(a) li jiehu sehem fil-Laqghat Generali u Annwali billi jiddiskuti, jivvota u fejn hemm bzonn jeleggi;
(b) li jsejjah Laqgha Generali Straordinarja flimkien ma' membri ohra skond dak provdut f'dan l-istatut;
(c) li juza s-servizzi u l-facilitajiet tal-Koperattiva;

7.2 Kull membru ghandu l-obbligu, fost affarijiet ohra:

(a) li jhallas id-dritt ghas-shubija;
(b) li jhares dan l-istatut u r-rizoluzzjonijiet mahruga minn zmien ghal zmien mill-Kumitat tat-Tmexxija u mill-Laqgha Generali;
(c) li jaccetta li jitnaqqsulu mill-pagamenti dovuti lilu minn zmien ghall-zmien il-multi li jista' jigi kkundannat ihallas mill-Kumitat tat-Tmexxija;
(d) li jwettaq attivita' kummercjali tal-koperattiva skond il-kaz;
(e) li josserva l-proveddimenti ta' l-Att 30 ta' l-2001 dwar is-Socjetajiet Koperattivi;
(f) li ma jirraprezentax lill-Koperattiva fl-ebda kaz, lok u sitwazzjoni minghajr ma jkollu l-approvazzjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija taht piena ta' danni;
(g) li ma jbiegh l-ebda parti mill-produzzjoni tieghu direttament lil xi persuna, kumpannija jew terz minghajr l-awtorizazzjoni bil-miktub tal-Kumitat tat-Tmexxija u dan stante l-fatt illi l-bejgh kollu tal-gheneb tal-membri ghandu jsir direttament mill-Koperattiva.

7.3 Kull membru tal-Koperattiva jkollu vot wiehed biss, ikun x'ikun sehmu. Dan il-vot ghandu jigi ezercitat b'mod personali jew permezz ta' prokura basta din il-prokura tkun f'ghamla miktuba u f'kwalunkwe kaz prokura ma tistax tirrapprezenta iktar minn zewg membri waqt xi laqgha (inkluz il-membru li jkun qed jezercita bi prokura);

7.4 (a) Ir-responsabbilita ta' membru prezenti jew ta' l-imghoddi tal-Koperattiva, tkun limitata ghall-ammont, jekk ikun hemm, li jkun ghadu mhux imhallas fuq l-ishma mizmuma minnu u r-responsabbilita' tieghu tkun maghrufa bhala responsabbilita' limitata bl-ishma.

(b) Ir-responsabbilita' ta' membru ta' l-imghoddi ghad-djun ta' socjeta' skond is-subartikolu 7.4 (a) ta' dan l-istatut, ghandhom ikunu limitati ghal dawk li kienu jezistu fid-data meta jkun temm milli jibqa' membru u ghandhom itemmu meta jghaddu sentejn li jibdew ighoddu b'effett minn dik id-data.

(c) Ir-responsabbilita' tal-wirt ta' membru li jkun miet ghandha tkun limitata ghad-djun tas-socjeta' kif kienu jezistu fid-data tal-mewt tal-membru u ghandhom jintemmu meta jkunu ghaddew sentejn minn dik id-data.

## 8. Il-Kumitat tat-Tmexxija

8.1 Il-Koperattiva ghandu jkollha Kumitat tat-Tmexxija li ghandu jkun maghmul minn mhux inqas minn tliet (3) membri u mhux iktar minn disa' (9) membri li jkun irid jinkludi fosthom President, Vici-President, Kaxxier u Segretarju, liema membri jridu jkunu persuni ndividwali u ghandhom jigu eletti, sospizi jew imnehhija biss b'maggoranza tal-membri jew delegati prezenti u li jivvotaw f'laqgha generali tal-Koperattiva;

8.2 Ebda persuna ma tista' tkun membru tal-Kumitat tat-Tmexxija jekk, fost ir-rekwiziti msemmija fi klawsola 72 ta' l-Att, dik il-persuna tkun diga membru ta' Kumitat tat-Tmexxija ta' Koperattiva ohra;

8.3 Il-Kumitat tat-Tmexxija jkun vestit mit-tmexxija u bid-direzzjoni ta' l-affarijiet u tan-negozju ta' l-ghaqda u, bla hsara ghal kull restrizzjonijiet li jinsabu fir-regoli jew f'xi rizoluzzjoni li tittiehed f'laqgha generali, il-Kumitat tat-Tmexxija jista' jezercita s-setghat kollha mehtiega biex jigu zgurati ammininistrazzjoni u direzzjoni shah u xierqa ta' l-affarijiet, negozju u proprjeta ta' l-ghaqda, barra minn dawk is-setghat rizervati ghall-laqgha generali tal-membri. B'mod partikolari il-funzjonijiet tal-Kumitat tat-Tmexxija ghandhom jinkludu:-

(a) li jikkunsidra applikazzjonijiet ghal-shubija fil-Koperattiva ai termini ta' l-Att;
(b) li jitlob u jezamina rapporti minghand persuni mpjegati mil-Koperattiva;
(c) li jiftah u jhaddem kontijiet bankarji;
(d) li jahtar sotto-kumitati;
(e) li jzomm il-membri mgharrfa bil-progress tal-koperattiva;
(f) li jhejji u jipprezenta fil-laqgha generali annwali tal-Koperattiva proposti ghat-tqassim ta' xi residwu nett li jkun hemm mis-sena finanzjarja ta' qabel skond l-Att u dan l-istatut;
(g) li jaghmel rapporti lill-laqgha generali annwali fuq ix-xoghol tal-Kumitat ta' Tmexxija matul is-sena finanzjarja ta' qabel;
(h) li jiehu passi mmedjati sabiex jissewwew gheltijiet, zbalji jew pratiki hziena, jekk ikun hemm, li jistghu jinkixfu fir-rapporti tal-Bord tal-Koperattivi, mill-awditur jew mill-Bord tas-Sorveljanza fejn dan ikun kompost;
(i) li jkun responsabbli tal-immanigjar tal-Koperattiva u ghandu jfassal pjanijiet strategici skond il-bzonn tal-Koperattiva.

8.4 F'kull laqgha generali annwali tal-Koperattiva l-membri kollha tal-Kumitat tat-Tmexxija ghandhom jirtiraw mill-kariga. Membru li jirtira jista' jerga' jigi elett.

8.5 Il-Kumitat tat-Tmexxija ghandu jiltaqa' spiss kemm jista' jkun skond il-bzonn. Il-kworum ghal laqgha tal-Kumitat tat-Tmexxija jkun ta' nofs in-numru tal-membri tieghu u wiehed u d-decizjonijiet ghandhom jittiehdu b'maggoranza semplici tal-voti u l-President ma jkollu ebda vot deciziv;

8.6 Kull membru tal-Kumitat tat-Tmexxija li, minghajr raguni xierqa, jonqos li jattendi tliet laqghat konsekuttivi tal-Kumitat tat-Tmexxija, jitqies li halla l-kariga tieghu u l-post vakanti ikollu jimtela' minn membru iehor.

L-ewwel persuna li ghandha tigi kkunsidrata ghal dik l-ghazla ghandha tkun il-persuna li tkun kisbet l-oghla ghadd ta' voti minn fost il-kandidati mhux eletti fl-elezzjoni uxxenti, segwita bil-persuna bit-tieni l-oghla ghadd etc..

8.7 Allowances u onoraria li jithallsu lill-membri tal-Kumitat tat-Tmexxija jew lill-membri tal-Bord ta' Sorveljanza, jekk ikun hemm, ghandhom ikunu dawk awtorizzati b'dan l-istatut jew fl-assenza bil-laqgha generali tal-Koperattiva. B'danakollu ebda membru ta' Kumitat ta' Tmexxija m'ghandu jircievi paga jew salarju, hlief f'dawk il-Koperattivi fejn il-membri ta' l-istess Koperattiva jkunu wkoll l-impjegati.

F'dan ir-rigward il-membri tal-Kumitat tat-Tmexxija għandhom ikunu ntitolati għal kumpens tal-ispejjeż li jagħmlu sabiex ikunu jistgħu jibqgħu jagħmlu x-xogħol meħtieġ tal-Koperattiva bħal laqgħat, konsum ta' *fuel* u telefonati. Għaldaqstant dan il-kumpens għandu jkun hekk:

a) President - €50 fix-xahar

b) Segretarju - €50 fix-xahar

c) Vic-President - €50 fix-xahar

d) Teżorier - €50 fix-xahar

e) kull membru iehor - €50 fix-xahar

8.8 Sitwazzjoni straordinarja ta' post vakanti fil-Kumitat tat-Tmexxija tinħoloq jekk membru tal-Kumitat tat-Tmexxija:

a) imut; jew

b) jirriżenja permezz ta' ittra bil-miktub indirizzata lis-Segretarju; jew

c) ma jħallasx it-tessera dovuta lill-Koperattiva sa perjodu ta' tlett xhur mid-data ta' meta kellha titħallas; jew

d) jinstab ħati fi proċess dixxiplinarju mill-Koperattiva; jew

e) ma jibqax membru fil-Kumitat tat-Tmexxija għar-raġuni ta' nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat jew ghal xi raguni ohra.

Il-post vakanti ikollu jimtela' minn membru iehor tal-Koperattiva. L-ewwel persuna li ghandha tigi kkunsidrata ghal dik l-ghazla ghandha tkun il-persuna li tkun kisbet l-oghla ghadd ta' voti minn fost il-kandidati mhux eletti fl-elezzjoni uxxenti, segwita bil-persuna bit-tieni l-oghla ghadd etc..

8.9 Is-Segretarju għandu jsejjaħ għal nominazzjonijiet fil-Kumitat tat-Tmexxija mhux inqas minn tlett ġimgħat qabel il-laqgħa ġenerali annwali. Is-sejħa għandha tinkludi:

a) il-proċess tan-nominazzjonijiet; u

b) l-proċess tal-elezzjoni tal-membri tal-Kumitat tat-Tmexxija.

8.10 Is-sejħa għan-nominazzjonijiet għandha tkun għall-membri kollha eliġibbli għall-vot u għandha tintbagħat:

a) bil-posta; jew

b) permezz ta' trasmissjoni elettronika; jew

c) fl-ewwel paġna ta' xi pubblikazzjoni tal-Koperattiva; jew

d) b'xi mezz ieħor approvat mill-Kumitat tat-Tmexxija.

8.11 Nominazzjoni tkun valida jekk:

a) tkun fil-forma preskritta mill-Kumitat tat-Tmexxija; u

b) tinkludi kull informazzjoni mitluba fil-formola, inkluż firma tal-persuna nnominata; u

c) il-membru nnominat ikun ilu minn tal-inqas sena membru fil-Koperattiva; u

d) tkun waslet għand is-Segretarju jew il-President mhux iktar tard mid-data tal-għeluq għan-nominazzjonijiet; u

e) tipprovdi informazzjoni u esperjenza tal-membru nnominat fil-qasam vitikulturist; u

f) il-membru nnominat ma' jkunx instab xi darba ħati f'xi proċess dixxiplinarju.

8.12 F'każ li n-numru ta' nominazzjonijiet milqugħa ma' jkunx iżjed mill-postijiet vakanti fil-Kumitat tat-Tmexxija, is-Segretarju għandu jinforma lil dawn il-membri nnominati li se jsiru membri tal-Kumitat tat-Tmexxija mingħajr elezzjoni u jitlobhom jattendu għall-ewwel laqgħa tal-Kumitat tat-Tmexxija

8.13 F'każ li n-numru ta' nominazzjonijiet tkun iktar min-numru ta' postijiet vakanti għandha ssir elezzjoni sigrieta ġusta mill-membri votanti kollha tal-Koperattiva u jsiru membri min ikollu l-ikbar għadd ta' voti. Fil-każ ta' nominazzjonijiet bl-istess numru ta' voti, terġa ssir votazzjoni bejniethom.

8.14 Il-Kumitat tat-Tmexxija jista jaħtar Sotto-Kumitati meta hu tal-fehma li huma ta' mezz appropjat għal għajnuna, pariri u rakkomandazzjonijiet fil-ħtiġijiet tal-Koperattiva. Għal kull Sotto-Kumitat maħtur, il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jispeċifika t-titlu, skopijiet u għanijiet ta' dan is-Sotto-Kumitat u, fejn hemm bżonn, iċ-*Chairman*. Il-Kumitat tat-Tmexxija jista jbiddel it-titlu, skopijiet u għanijiet ta' Sotto-Kumitat jew ixolji Sotto-Kumitat skond il-bżonn.

## 9. Laqghat Generali

9.1 Jista' jkun hemm zewg tipi ta' laqghat generali, dik annwali u dawk li jissejhu minn zmien ghal zmien bhala laqghat generali straordinarji;

9.2 L-awtorita suprema tal-Koperattiva tkun vestita fil-laqgha generali tal-membri taghha. Fil-kaz ta' laqgha generali annwali, din ghandha tissejjah darba fis-sena mhux aktar tard minn sitt (6) xhur wara l-gheluq tas-sena finanzjarja;

9.3 Avviz ta' kull laqgha generali annwali ghandu jinghata bil-miktub lil kull membru jew delegat li jkollu d-dritt jattendi ghal-laqgha u l-avviz ghandu jinghata ghall-anqas hmistax-il gurnata shah qabel id-data tal-laqgha;

Izda f'kazijiet ta' urgenza laqgha generali, barra minn laqgha generali annwali jew laqgha generali li jkollha fuq l-agenda emenda ghall-istatut, tista' tissejjah b'avviz ta' mhux inqas minn tlitt ijiem xoghol.

9.4 Kull avviz ghall-laqgha generali ghandu jaghti l-agenda li tkun ser tigi diskussa u r-rizoluzzjonijiet li jkunu ser jigu proposti, u ebda suggett iehor m'ghandu jigi diskuss minghajr il-kunsens tal-maggoranza tal-membri prezenti u li jivvotaw f'dik il-laqgha generali.

9.5 In-nuqqas accidentali li jinghata avviz ta' laqgha lil, jew jekk ma jigix ricevut l-avviz ta' laqgha minn, xi persuna li ghandha dritt tircievi avviz, m'ghandux jinvalida il-proceduri ta' dik il-laqgha.

9.6 Il-funzjonijiet tal-laqgha generali annwali tal-Koperattiva huma:

(a) li tikkonsidra u tikkonferma l-minuti tal-laqgha generali annwali ta' qabel u ta' kull laqgha generali ohra li kien hemm bejniethom u li ma jkunux ga approvati f'laqgha generali ohra;
(b) li tikkonsidra r-rapport ta' l-awditur, ir-rapporti tal-Kumitat tat-Tmexxija u tal-Bord tas-Sorveljanza, fejn dan jezisti, u kull rapport maghmul mill-Bord tal-Kooperattivi;
(c) li tikkonsidra u tapprova d-dikjarazzjonijiet finanzjarji;
(d) li tikkonsidra u tirrizolvi l-mod li bih xi residwu nett li jista' jkun hemm jista' jitqassam jew jigi investit;
(e) li tikkunsidra u tadotta kull emenda ghall-istatut;
(f) li tikkonsidra u tapprova rizoluzzjonijiet imressqa;
(g) li teleggi l-membri tal-Kumitat tat-Tmexxija u tal-Bord tas-Sorveljanza, jekk ikun hemm;
(h) li tahtar l-awdituri tal-Koperattiva u tapprova l-mizata (cioe' l-"*audit fee*") taghhom;
(i) li tiddeciedi appelli ta' persuni li ma jkunux gew milqugha bhala membri godda mill-Kumitat tat-Tmexxija;
(j) li tikkonsidra u tiddeciedi l-oghla ammont li l-Koperattiva tista' tissellef;
(k) li tisma' u tiddeciedi kull ilment li jitqanqal minn membri li jhossuhom aggravati b'decizjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija kemm-il darba dak l-avviz tal-hsieb li dawk l-ilmenti jingiebu quddiem il-laqgha jkun inghata lis-segretarju tal-Koperattiva ghall-inqas jumejn qabel il-laqgha;
(l) li taghmel kull xoghol generali iehor tal-Koperattiva li dwaru jkun inghata avviz kif suppost mill-membri;

9.7 Laqghat generali straordinarji tal-Koperattiva jistghu jissejhu f'kull zmien mill-Kumitat tat-Tmexxija izda dan l-istess Kumitat tat-Tmexxija jrid bilfors jghajjat din il-laqgha:

(a) malli jircievi talba ghal dan il-ghan ffirmata minn ta' l-inqas wiehed minn erbgha (1/4) tal-membri jew minn hmistax-il membru, skond liema tkun l-inqas, li turi l-ghanijiet tal-laqgha;

(b) malli jircievi talba mill-Bord tas-Sorveljanza li turi l-ghanijiet tal-laqgha f'kaz fejn koperattiva tkun hatret Bord tas-Sorveljanza;

(c) malli jircievi talba mill-Bord tal-Koperattivi li turi l-ghanijiet tal-laqgha;

(d) jekk jircievi talba minn-membru kif imfisser fil-klawsola 5.6 ta' dan l-istatut. F'dan il-kaz il-Kumitat tat-Tmexxija jrid bilfors jghajjat laqgha generali straordinarja fi zmien erbat ijiem mit-talba li tkun saritlu.

Jekk fil-kazijiet taht klawsola 9.7 (a) u (b) fuq imsemmija, l-Kumitat tat-Tmexxija jonqos li jsejjah il-laqgha fi zmien xahar minn meta jircievi t-talba, l-membri jew il-Bord tas-Sorveljanza, skond il-kaz, li jaghmlu t-talba jkollhom s-setgha li jsejhu l-laqgha huma stess b'avviz lill-membri kollha fejn jgharrfu l-ghanijiet tal-laqgha u l-fatt li l-Kumitat tat-Tmexxija naqas li jsejjah il-laqgha;

9.8 Avviz ta' laqgha generali (li ma tkunx laqgha generali annwali) ghandha tintbghat bil-posta lil kull membru mill-inqas sebat ijiem qabel il-laqgha generali. F'kaz ta' laqgha generali b'urgenza, din tista' tissejjah b'avviz ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin (24) siegha qabel il-laqgha, liema avviz jista' jintbghat permezz ta' email jew fuq xi mezz iehor ta' komunikazzjoni;

9.9 Ma jista jsir ebda xoghol f'laqgha generali jekk ma jkunx hemm kworum tal-membri prezenti. Il-kworum mehtieg biex jibda x-xoghol ikun wiehed minn erbgha (1/4) tal-membri jew delegati jew hmistax-il membru jew delegat, skond liema tkun l-inqas, li jkollhom id-dritt ghall-vot.

Jekk tletin minuta wara l-hin stabbilit ghal laqgha generali l-membri jew id-delegati prezenti ma jkunux bizzejjed biex jifformaw kworum, dik il-laqgha titqies li tkun xolta jekk din tissejjah fuq it-talba tal-membri jew tad-delegati; fil-kazijiet kollha l-ohra, tibqa' aggornata ghall-istess gurnata tal-gimgha ta' wara fl-istess hin u fl-istess post u avviz f'dan is-sens ghandu jintbaghat bil-posta fl-indirizzi registrati tal-membri u ta' kull min ikollu jedd jattendi, mis-segretarju fi zmien tmienja u erbghin siegha mill-aggornament; u jekk fil-laqgha aggornata ma jkunx hemm kworum prezenti sa tletin minuta mill-hin stabbilit ghal-laqgha, il-membri jew id-delegati prezenti jifformaw kworum.

B'danakollu, laqgha generali b'tali kworum imnaqqas ma jkollhiex is-setgha li temenda l-istatut tal-Koperattiva.

9.10 Rizoluzzjoni jew decizjoni imressqa quddiem laqgha generali tigi deciza b'maggoranza semplici tal-membri prezenti li ghandhom dritt ghall-vot.

B’danakollu, sabiex jghaddu r-rizoluzzjonijiet hawn taht imsemmija hemm bzonn ta’ maggoranza ta’ zewg terzi ($^2/_3$) ta’ dawk prezenti u ntitolati ghall-vot:

(i) Tnehhija mill-inkarigu ta’ membru tal-Kumitat tat-Tmexxija jew tal-Bord ta’ Sorveljanza;
(ii) Appell minn membru li jhossu aggravat mid-decizjoni tal-Bord tas-Sorveljanza, jew fin-nuqqas li din hija nkorporata, mid-decizjoni tal-Kumitat ta’ Tmexxija, rigward it-tkeccija tieghu;
(iii) Decizjonijiet dwar applikazzjonijiet ghas-shubija li ma jigux accettati mill-Kumitat tat-Tmexxija;

Apparti dan, sabiex jghaddu r-rizoluzzjonijiet hawn taht imsemmija, hemm bzonn ta’ maggoranza ta’ tlieta minn erbgha ($^3/_4$) tal-membri prezenti u ntitolati ghall-vot:

(i) Xoljiment u stralc tal-Koperattiva ai termini tal-klawsola 100 et. sequitur ta’ l-Att;
(ii) Amalgamazzjoni tal-Koperattiva ai termini tal-klawsola 95 et. sequitur ta’ l-Att;
(iii) Emendi ghall-istatut

F’kaz fejn r-rizoluzzjoni mghoddija tkun tikkoncerna x-xoljiment tal-koperattiva, ghandha tissejjah laqgha generali ohra biex tigi konfermata din ir-rizoluzzjoni u dan minkejja illi din ir-rizoluzzjoni tkun diga giet imressqa u approvata waqt laqgha generali ohra.

9.11 F’kull laqgha generali, rizoluzzjoni imressqa ghall-vot ghandha tigi deciza billi jittellghu l-idejn, kemm il-darba ma jintalabx minn ta’ l-anqas zewg membri prezenti meta l-ghadd ta’ membri prezenti jkun anqas minn ghoxrin jew minn ghall-anqas hames membri prezenti f’kull kaz iehor li l-votazzjoni ssir b’vot sigriet. F’kull kaz, l-elezzjoni ta’ l-ufficjali ghandha ssir dejjem b’vot sigriet.

## 10. Rapprezentanza legali u guridika

Kull dokument mahrug mill-Koperattiva inkluzi cekkijiet u dokumenti kummercjali ohra, ghandhom jigu ffirmati mill-President u s-Segretarju tal-Kumitat tat-Tmexxija u r-rapprezentanza legali u guridika tal-Koperattiva ghandu jkun vestit f’dawn it-tnejn minn-nies flimkien. In addizzjoni u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Kumitat tat-Tmexxija tista’ tahtar persuni ohra “ad hoc” minn zmien ghal zmien sabiex ikunu jistghu jirraprezentaw lill-Koperattiva kemm legalment kif ukoll guridikament.

## 11. Bord ta’ Sorveljanza

11.1 Il-Koperattiva jista jkollha Bord ta’ Sorveljanza maghmul minn mhux inqas minn tlieta (3) u mhux izjed minn hames (5) membri u li mhux necessarjament jkunu membri tal-Koperattiva. Dan il-Bord ghandu jigi elett fil-laqgha generali annwali wara l-elezzjoni tal-membri tal-Kumitat tat-Tmexxija;

11.2 Il-Bord ta’ Sorveljanza jigi mahtur ghal perjodu ta’ sentejn u membru li jkun ga serva fuq dan il-Bord jista’ jerga jservi.

11.3 Il-kworum ghal-laqgha tal-Bord tas-Sorveljanza jkun ta' nofs l-ghadd tal-membri tieghu u d-decizjonijiet ghandhom jittiehdu b'maggoranza semplici tal-voti tal-membri u l-president ma jkollu ebda vot deciziv.

11.4 Ebda membru tal-Kumitat ta' Tmexxija ma jista' jkun membru tal-Bord ta' Sorveljanza u preferribilment il-membri ta' dan il-Bord ta' Sorveljanza ghandhom jintghazlu minn fost persuni li jkollhom konoxxenza tal-procedura ta' accounting, verifika u finanzi.

11.5 Il-Bord ta' Sorveljanza jkun responsabbli lejn il-membri tal-Koperattiva biex jizgura li l-Koperattiva qed titmexxa skond ir-regoli taghha stess u skond il-ligi u skond id-decizjonijiet u r-rizoluzzjonijiet adottati f'laqghat generali jew f'laqghat tal-Kumitat tat-Tmexxija. Il-funzjonijiet tieghu jinkludu d-dmir li:

(a) jissorvelja l-eghmil tal-Kumitat tat-Tmexxija u ta' l-ufficjali u l-impjegati tal-Koperattiva;
(b) jezamina l-kontijiet tal-Koperattiva f'intervalli regolari ta' mhux inqas minn darba fix-xahar u jizgura li n-negozji kollha tal-Koperattiva jkunu mdahhlin tajjeb fid-diversi kotba tal-kontijiet u fid-dokumenti;
(c) jigbed l-attenzjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija ghal xi differenzi jew diskrepanzi li jistghu jezistu;
(d) jipprezenta ghal laqgha generali annwali rapport specjali fuq it-tmexxija u l-qaghda finanzjarja tal-Koperattiva f'kazijiet meta l-Kumitat tat-Tmexxija jkun naqas li jagixxi skond il-htigijiet ta' dan l-istatut
(e) jilqa' appelli mid-decizjonijiet tal-Kumitat tat-Tmexxija f'dawk il-kazijiet li jikkoncernaw it-tkeccija ta' membri mill-Koperattiva;

**12. Dmirijiet tal-President**

12.1 Il-president ghandu jippresjedi fil-laqghat generali u fil-laqghat kollha tal-kumitat tat-tmexxija. Fin-nuqqas tal-president il-funzjonijiet tieghu jsiru mill-vici-president, u fin-nuqqas kemm tal-president kemm tal-vici-president minn xi laqgha, minn dik il-persuna l-ohra li tigi eletta mill-maggoranza ta' dawk prezenti u li jivvotaw.

12.2 Il-president ikollu d-drittijiet moghtija lilu bir-regoli tal-ghaqda u b'mod partikolari li jordna l-eghluq ta' diskussjoni u li jqieghed il-kwistjoni ghall-votazzjoni.

**13. Dmirijiet tas-Segretarju**

13.1 Meta l-Kumitat tat-tmexxija jeleggi segretarju, dan ghandu jservi lill-ghaqda fuq bazi regolari, ukoll jekk ma jaghtix is-servizzi kollha tieghu lill-ghaqda.

13.2 Id-dmirijiet tas-segretarju jkunu kif specifikati fir-regoli ta' l-ghaqda, u ghandhom jinkludu d-dmir:

a) li jzomm, b'mod korrett u aggornat ir-*records*, il-karti u r-registri kollha ta' l-ghaqda;
b) li jzomm inventarju tal-proprjetà ta' l-ghaqda;
c) li jiffirma f'isem il-Kumitat tat-tmexxija u jiehu hsieb il-korrispondenza;
d) li jssejjah u jattendi l-laqghat generali tal-Kumitat tat- tmexxija u li jirregistra l-procedimenti ta' dawk il- laqghat fil-ktieb tal-minuti;

e) li jiehu hsieb ix-xoghol ordinarju ta' l-ghaqda u jaqdi d-dmirijiet kollha moghtija lilu mill-Kumitat tat-Tmexxija.

**14. Dmirijiet tat-Tezorier**

14.1 Meta l-Kumitat tat-tmexxija jeleggi tezorier dan ghandu jservi lill-ghaqda fuq bazi regolari, ukoll jekk ma jaghtix is-servizzi kollha tieghu lill-ghaqda.

14.2 Id-dmirijiet tat-tezorier ikunu kif specifikati fir-regoli ta' l- ghaqda u ghandhom jinkludu d-dmir:

a) li jkun responsabbli ghan-negozji finanzjarji kollha tal-Koperattiva, maghduda l-flejjes kollha ricevuti mill- ghaqda minghand bank, minghand il-membri u minghand persuni ohra, u li jaghmel l-infiq skond id-direttivi tal-Kumitat tat-Tmexxija;
b) li jhejji jew jiehu hsieb li jithejjew ir-ricevuti, il-*vouchers* u d-dokumenti kollha mehtiega bir-regoli jew li jintalbu mill-Kumitat tat-Tmexxija;
c) li jkun responsabbli ghaz-zamm xieraq u puntwali tal- kontijiet u tal-kotba tal-kontijiet kollha ta' l-ghaqda;
d) li jghin lill-awdituri tal-koperattiva;

**15. Hatra u dmirijiet tal-"Manager"**

15.1 Il-Kumitat tat-Tmexxija jista' jimpjega "*manager*" biex jamministra u jmexxi l-affarijiet tal-koperattiva taht is-sorveljanza u d-direttivi tal-politika tal-Kumitat tat-Tmexxija.

15.2 Id-dmirijiet tal-manager jistghu jinkludu:

(a) it-tmexxija tal-kummerc u l-proprjeta' tal-koperattiva;
(b) l-attendenza f'laqghat tal-koperattiva u tal-Kumitat ta' Tmexxija kif jista' jkun mehtieg minn zmien ghal zmien;
(c) it-twettiq ta' kull struzzjoni ragonevoli u legittima tal-Kumitat ta' Tmexxija.

**16. Proprjeta u Fondi tal-Koperattiva**

16.1 Il-kapital tal-Koperattiva jista' jingabar:

(a) mid-drittijiet ghal dhul (li mhumiex rifondibbli);
(b) sottoskrizzjoni u hlas ta' ishma;
(c) depoziti ta' tifdil maghmula mill-membri stess;
(d) depoziti jew self minn persuni li mhux membri;
(e) residwu li jitqieghed f'fondi ta' riserva;

16.2 Il-Koperattiva tista' tircievi depoziti u self ta' flus mill-membri taghha kif ukoll minn terzi persuni taht dawn il-kundizzjonijiet:

(a) li l-aqwa rbit li tista' tidhol ghalih f'self jew depozitu jigi ffissat f'Laqgha Generali;

(b) li d-depozitu jigi accettat ghal zmien fiss ta' sena li jista' jigi mgedded minn sena ghal ohra;

(c) li l-aqwa rbit ta' imghax li ghandu jigi mhallas ghandu jigi ffissat fil-Laqgha Generali Annwali, izda r-rata annwali ghandha tigi ffissata u mibdula kif ikun mehtieg mill-Kumitat tat-Tmexxija, liema rata ta' imghax ma tistax tkun aktar minn dik stabbilita mill-ligi.

16.3 Il-Koperattiva ghandha jkollha fond ta' riserva, f'forma ta' attiv likwidu, li ghandu jintuza' eskluzivament biex jaghmel tajjeb ghal telf li jiggarrab mill-Koperattiva u li jkun muri fil-karta tal-bilanc verifikata u approvata u ghal dan il-ghan il-Koperattiva ghandha thallas ghall-anqas 20% ta' residwu li jibqa' mill-hidma tal-Koperattiva matul sena finanzjarja;

Dan nonostante l-htiega fuq imsemmija f'din il-klawsola ma tapplikax fejn fi tmiem ta' xi perjodu ta' kontijiet li fih il-fond ta' rizerva jkun daqs it-total tal-kapital ta' l-ishma mhallas u ghoxrin fl-mija tal-kapital li s-socjeta' tkun isselfet kif jidher mill-karta tal-bilanc verifikata u appruvata tal-perjodu finanzjarju ta' qabel.

16.4 Il-Koperattiva ghandha tikkontribwixxi 5% tar-residwu li jibqa' mill-attivitajiet, hidma, investimenti u kull sors iehor taghha matul sena finanzjarja lill-Fond Centrali tal-Koperattivi. Dan il-Fond ghandu jintuza biex jingiebu 'l quddiem l-edukazzjoni Koperattiva, it-tahrig, ir-ricerki, il-verifika u l-izvilupp generali tal-moviment tal-koperativi f'Malta;

16.5 Dak li jibqa' minn kull residwu li jirrizulta mill-hidma tal-Koperattiva matul sena finanzjarja, wara li jsiru l-kontribuzzjonijiet ghall-fond ta' riserva u ghal-Fond Centrali tal-Koperattivi, jista' jitqassam fost il-membri bhala "*dividend*" jew jintuzaw biex jithallsu onorarji lill-ufficjali ta' l-ghaqda, jew jigu allokati ghal xi fondi ohra tal-Koperattiva;

F'kwalunkwe kaz l-oghla rata fuq is-sehem li socjeta' Koperattiva ghandha thallas lill-membri taghha ma tistax teccedi ir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) tar-residwu li jibqa'.

16.6 Il-Koperattiva tista' tuza ammont li ma jkunx izjed minn 10% tar-residwu nett ghal kull ghan ta' karita, edukazzjoni, jew ghan iehor pubbliku;

16.7 Il-Koperattiva tista' tqassam fost il-membri kull parti li jibqa' mir-residwu nett taghha bhala *patronage refund*, cioe' tqassim fi proporzjon tal-volum ta' xoghol li l-membri jkunu ghamlu mal-Koperattiva u li minnu jkun inkiseb r-residwu li jkun ser jitqassam;

16.8 Il-Koperattiva tista' wkoll tqassam kull parti tar-residwu nett taghha lill-membri f'ghamla ta' certifikati bonus jew ishma bonus skond il-proveddimenti tal-klawsola 94 ta' l-Att;

## 17. Tesseri

17.1 It-tesseri għal perjodu ta' sena, li jibda fl-1 ta' Jannar, għandhom jibdew jitħallsu minn xahar qabel dik il-ġurnata tal-1 ta' Jannar u jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara.

17.2 L-ammont tat-tessera tal-Koperattiva hija ta' €20 bħala rata fissa ta' sħubija u €5 għall-kull tomna dwieli mħawwlin. Il-Koperattiva sejra żżomm ukoll perċentwal ta' 1.5% mill-ammont

globali tal-ħlas tal-għeneb kull sena bħala kummissjoni dovuta minn kull membru Il-Kumitat tat-Tmexxija jista jgħaddi liġijiet ulterjuri bl-approvazzjoni tal-laqgħa ġenerali annwali sabiex ibiddel dawn l-ammonti għal raġunijiet partikolari.

17.3 L-ebda membru ma jkollu xi parti mill-ammont tat-tessera mnaqqas jekk il-ħlas isir wara l-1 ta' Jannar.

17.4 Membru li għadu ma ħallasx it-tessera sal-1 ta' Frar ta' dak l-istess perjodu ikun meqjus bħala membru mhux finanzjarju sa ma tiġi mħallsa. Membru mhux finanzjarju għandu:

a) ma jkollux il-privileġġi tas-sħubija; u

b) ma jkunx eliġibbli biex jivvota f'xi laqgħa jew f'xi elezzjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija; u

c) ma jkunx eliġibbli biex jinnomina ruħu għall-Kumitat tat-Tmexxija; u

d) ma jkunx eliġibbli biex ikun membru fil-Kumitat tat-Tmexxija.

17.5 Sakemm il-Kumitat tat-Tmexxija jiddeċiedi mod ieħor, membru li jkun għadu ma ħallasx it-tessera sal-31 ta' Marzu għandu jkun avżat bil-miktub biex iħallas it-tessera, u jekk ma tiġix imħallsa sa' 30 ġurnata mid-data tal-ittra, il-membru għandu:

a) jinqata mill-lista tal-membri u ma jibqax iżjed membru; u

b) jerġa jiġi assessjat għal sħubija skond il-kriterji tas-sħubija li jkunu japplikaw dak iż-żmien li se jerġa jidħol membru.

17.6 Mal-ħlas tas-sħubija il-membru jerġa jkun intitolat għall-benefiċċji tal-Koperattiva.

**18. Awdituri tal-Koperattiva**

18.1 Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Koperattiva ghandhom ikunu verifikati mill-inqas darba fis-sena minn awditur jew awdituri mahtura f'kull laqgha generali li fiha jigu pprezentati dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati. Dawk l-Awdituri ghandhom jibqghu fil-kariga minn tmiem dik il-laqgha generali sal-laqgha generali li jkun imiss li fihom jigu pprezentati dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati. Id-dritt ghall-verifika ghandu jigi approvat fil-laqgha generali.

18.2 Ir-rimunerazzjoni ta' l-Awdituri ghandha tigi stabbilita mill-Koperattiva f'laqgha generali jew b'dak il-mod hekk kif il-Koperattiva tista' tipprovdi f'laqgha generali. Rimunerazzjoni tinkludi ammonti mhallsa ghar-rigward ta' l-ispejjez.

**19. Penali Dixxiplinarji**

Minbarra l-penali li jistghu jkunu nkluzi f'dan l-istatut, l-koperattiva tista' minn zmien ghal zmien tipprovdi ghal-imposizzjoni ta' penali ta' flus fuq il-membri taghha ghall-ksur tar-regoli ta' dan l-istatut, izda ebda penali ta' flus ma ghandha tigi imposta fuq xi membru qabel

jinghata avviz bil-miktub tal-hsieb li tigi imposta l-penali u r-raguni ghal dan tkun giet lilu notifikata u jkun inghata opportunita' li jinstema' jew xort'ohra li jaghti r-raguni ghaliex il-penali ta' flus m'ghandiex tigi imposta.

B'mod partikolari jekk il-Koperattiva, minħabba nuqqas ta' xi membru/i tagħha, tinstab li ma tkunx konformi jew tkun qiegħda tikser xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fil-Qasam tal-Inbid (A.L. 148/2008), hija tista' timponi multa fuq dak il-membru/i taghha illi jkun il-kagun ta' tali nuqqas.

**20. Bankiera / Sena Finanzjarja**

20.1 Il-bankiera tal-Koperattiva ghandhom ikunu dak il-bank illi l-Kumitat tat-Tmexxija jaghzel huwa minn zmien ghal zmien;

20.2 Is-sena finanzjarja tal-Koperattiva hija mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Dicembru ta' kull sena;

**21. Kazijiet ta' disputa jew tilwim**

Jekk tinqala' xi kwistjoni dwar il-kostituzzjoni tal-koperattiva, l-elezzjoni ta' l-ufficjali taghha jew it-tmexxija tal-laqghat generali taghha, jew il-gestjoni jew ix-xoghol tal-koperattiva:-

(a) bejn il-membri, membri ta' l-imghoddi u l-aventi kawza' ta' membri, membri ta' l-imghoddi jew membri li mietu; jew
(b) bejn membru, membru ta' l-imghoddi jew membru li miet, u l-koperattiva, il-Kumitat ta' Tmexxija, il-Bord ta' Sorveljanza taghha, jew xi ufficjal tal-koperattiva; jew
(c) bejn il-koperattiva jew il-Kumitat ta' Tmexxija tieghu jew il-Bord ta' Sorveljanza u xi ufficjal tal-koperattiva; jew
(d) bejn il-koperattiva u xi koperattiva ohra; jew
(e) abbazi ta' xi talba minn xi koperattiva ghal xi dejn jew debiti ohra minghand membru, membru ta' l-imghoddi jew il-werrieta ta' xi membru li jkun miet, sew jekk dak id-dejn jew debiti ohra jkunu ammessi sew jekk ma jkunux; jew
(f) kull kwistjoni li torigina mill-interpretazzjoni ta' l-istatut tal-koperattiva, jew ta' xi regola li jkun hemm fih

din ghandha tintbaghat ghall-arbitragg quddiem arbitru li jigi mahtur mill-President tac-Centru dwar l-Arbitragg ta' Malta.

B'danakollu, is-suespost ma japplikax fejn hemm kwistjonijiet bejn koperattiva u l-impjegati taghha dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kuntratt tax-xoghol ta' l-istess impjegati.

**22. Divergenzi bejn l-Istatut u l-Att 30 ta' l-2001 dwar is-Socjetajiet Koperattivi**;

22.1 Jekk xi klawsola f'dan l-istatut tmur kontra l-Att 30 ta' l-2001 dwar is-Socjetajiet Koperattivi jew kwalunkwe legislazzjoni successiva, dik il-klawsola ghandha tigi maqbuza u tigi tapplika l-klawsola korrispondenti fl-imsemmi Att. Fl-ebda cirkostanza m'ghandha klawsola hazina timpunja il-veracita ta' dan l-istatut;

22.2 Wiehed ghandu japplika l-provvedimenti ta' l-Att 30 ta' l-2001 dwar is-Socjetajiet Koperattivi jew kwalunkwe legislazzjoni successiva f'dawk il-kazijiet fejn suggett relatat mal-Koperattiva mhux imsemmi f'dan l-istatut jew f'kaz ta' interpretazzjoni.